

# IS-SORIJIET FRANĠISKANI F'GĦAWDEX FI ŻMIEN IL-GWERRA

Sa mill-ewwel attakki fuq Malta, eluf ta' refuġjati Maltin bdew jgħaddu għal Għawdex biex isibu kenn. Dan għax mill-bidu nett kien jidher li Malta kienet se tkun il-mira ħarxa tal-għadu. B'hekk ir-refuġjati Maltin f'Għawdex komplew jiżdiedu ta' kuljum b'ritmu mgħaġġel u meta l-Ġermaniżi dehru fis-sema ta' Malta fis-16 ta' Jannar 1941, ħafna Maltin tat-tlett ibliet u l-inħawi ta' madwarhom, ħallew kollox u marru jfittxu kenn fi bnadi oħra anqas ibbumbardjati, fosthom Għawdex. Bejn l-aħħar ta' Frar u l-bidu ta' Marzu 1941, il-parti l-kbira tal-pazjenti ta' l-Isptar ta' San Vinċenz De Paul, li kienu residenti ħdejn l-ajrudrom ta' Ħal Luqa, kienu ġew trasferiti għal Għawdex. Sa Awwissu 1942, ir-refuġjati Maltin f'Għawdex kienu laħqu xi ħamest elef u l-popolazzjoni ta' Għawdex kienet tgħodd madwar 29,500. Fosthom kien hemm diversi qassisin li minħabba l-ħruxija tal-gwerra fuq Malta għażlu wkoll li jsibu kenn f'Għawdex. Fost dawn insemmi lill-Kan. Emanuel Fleri, lill-Patri Bonefacio Bonello OSA, lil Dun Ġużepp Ascolese u lil Dun Vinċenz Caruana. Dan ta' l-aħħar kien qassis mill-Mosta u tul il-gwerra għex fis-sagristija tal-kappella tal-Patroċinju, l-Għasri, fejn ukoll kien iqaddes.

Iżda ma' dawn il-Maltin kollha, kienu ġew trasferiti f'Għawdex xi ordnijiet tas-sorijiet li kienu aktar minn oħrajn esposti għal ċertu periklu. B'hekk tul il-gwerra f'Għawdex ġew trasferiti s-sorijiet tal-klawsura ta' l-Ordni Ġerosolomitan ta' Sant' Orsla tal-belt Valletta u dawk Agostinjani ta' Santa Katerina tal-belt Valletta. Kienu ġew Għawdex ukoll is-sorijiet ta' *St Joseph* tal-konservatorju ta' Bormla kif ukoll is-Sorijiet Franġiskani ta' Villambrosa, il-Ħamrun. Dan sar biex titbiegħed u tiġi evitata xi diżgrazzja kbira minħabba l-bombi. Dan seħħ bil-kunsens jew bl-ordni ta' l-Isqof ta' Malta Mons. Mawru Caruana u bir-rieda tajba u l-koperazzjoni ta' l-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mikiel Gonzi. Dan ta' l-aħħar wettaq dawn it-trasferimenti b'determinazzjoni kbira iżda fl-istess ħin b'ċerta riserva biex b'hekk ma jitqajjem l-ebda paniku fost ordnijiet ta' sorijiet oħra f'Malta.

Proprju l-ewwel sorijiet trasferiti f'Għawdex kienu s-Sorijiet Franġiskani ta' l-Orfanatrofju ta' Fra Diegu ta' Villambrosa, il-Ħamrun. Dawn kienu ġew f'Għawdex kmieni fil-gwerra u kienu tpoġġew f'diversi postijiet. Aktar tard marru fil-post magħruf bħala "Ta' Gliex", qrib sewwa l-knisja u l-kunvent ta' Ġieżu tal-patrijiet, fi Triq Sant'Antnin, Għajnsielem, fejn fil-11 ta' Mejju 1941, minħabba l-bombi, kien inġab il-kurċifiss mirakolużta' Ġieżu mill-belt Valletta. Mit-tagħrif imgħoddi u mislut mill-Kronaka ta' l-Istitut ta' Villambrosa nixtieq nikkwota:

*It-tfal flimkien mas-sorijiet telqu lejn Għawdex fid-19 ta' Ġunju 1940 bil-kunsens u l-bontà ta' l-Isqof Mons. Mikiel Gonzi, li dak i\-\mien kien Isqof ta' G]awdex. Peress li n-numru tat-tfal kien kbir, allura [ew imqassmin fi bnadi differenti. G]all-ewwel iż-żgħar poġġewhom fil-Casa Madre tagħna - Triq Palma, Victoria, u l-kbar qagħdu għal ftit is-Seminarju ta' Għawdex. Wara xi xhur, il-kbar ħaduhom f'żewġt idjar l-Imġarr, ma' ġenb il-Kunvent tal-Patrijiet ta' Ġieżu u ż-żgħar f'dar fi Strada t-Telgħa, il-Qala. Fir-Rebbiegħa tal-1945, it-tfal u s-sorijiet bdew jaqsmu lura lejn Malta ftit ftit u sas-6 ta' Mejju 1945 kollha reġgħu lura fl-Istitut ta' Fra Diegu.*

F'dokument ieħor hemm hekk dwar it-trasferiment u l-qagħda ta' dawn is-sorijiet u t-tfal orfni f'Għawdex:
*Allo scoppio della medesima cioè l'11 Giugno 1940 il nemico diede improvvisamente l'assalto alla nostra cara Patria. S'immagini lo spavento di tutta quanta la*

*Famiglia Diegana, Suore e fanciulle corrono per ricoverarsi nella cantina. Essendo tutta quanta la Comunità locale molto spaventata, la Madre Superiora determinò di rifugiarsi nell' Isola sorella; quindi ottenuto il permesso dal Padre Direttore e dalle Madre Generale telefonò a Sua Eccellenza Rev.ma Monsignor Michele Gonzi ad di ospitarci nel Seminario Vescovile, il quale annui alla domanda. Perciò il di 18 dello stesso mese partimmo per Gozo, dove passammo la giornata nella nostra Casa Generalizia. L'indomani "19" facemmo la nostra prima tappa del Seminario Vescovile per un trimestre ove eravamo gentilmente aiutate nei nostri bisogni spirituali e temporali da Sua Eccellenza Rev.ma Monsignor Giuseppe Pace; che allora era Arcidiacono della Cattedrale e Rettore del Seminario. Siccome il Seminario doveva riapersi il Governo si è gentilmente compiaciuto di procurarci un Villino situato in Via Nadur, G]ajnsielem; quindi nel 17 Settembre partimmo per questa nuova residenza. Siccome questo locale sebbene ampio non bastasse per accogliere tutta la Comunità dell'Istituto che allora presentava la cifre di 151; cioè 15 Suore e 136 bambine, si pensò di prendere in affitto altre due case; una situata nella stessa Strada e l'altra a Casal Cala. Frattanto l'Autorità civile discutava con l'autorita ecclesiastica il-progetto di prendere l'Istituto fra le mani per usi diversi, cioe', per rifugiare persone prive di tetto e per tenervi diverse sue officine. Il che fu effettuato nello stesso anno 1940.*

*I Padri Francescani OFM Convento Sant' Antonio, G]ajnsielem, prendevano cura spirituale dello Istituto, cioè, uno diceva messa, spiega del Vangelo, Confessione delle bambine ecc. La nostra assenza dall' Isola di Malta fu solamente assenza personale, perchè i benefattori continuavano a mandarci la solita elemosina e le commissioni di lavoro. Anche la popolazione Gozitana ci ha molto aiutato in tutti i modi. Nonostante la carestia, nulla ci mancava. Ottenuto il permesso dall' ufficio dell' Ingegneria nel 21 di Aprile 1941 si cominciò il lavoro per la costruzione di un sottosuolo antiaero sotto la direzione di Mastro Giuseppe Attard, Nadurese. Due suore un pò per volta, nulla badando ai pericoli dei bombardamenti andavano spesso a Malta per trovare i benefattori.*

*Alle bambine s'impartisce una Istruzione Infantile ed Elementare, come pure di Religione nelle ore del mattino. Al dopo pranzo esse ricevono lezione di canti e di primi elementi di cucito, di ricamo e di merletto di Gozo. Le due camerate delle Grandi e delle mezzane si fanno occupare a turno nei lavori domestici, cioè cucina, bucato, stiratura e faccende; si fanno ancora perfezionare, ognuna secondo le sue attitudini, in lavori di ricamo, passamanteria, cucito, tessitura ecc.*
*La cura delle orfanelle, che sono divise in quattro categorie, cioe, Grandi, Mazzane, Mezzanette e' Piccole. A queste oltre alla Istruzione letteraria e di Lavoro d'ago, come gia si e' detto sopra, si cerca di dare una formazione veramente Cristiana, e talfine nulla si risparmia per farle crescere nella pietà, nel timore di Dio e nella esatta osservanza della Legge Divina. Oltre alla Santa Messa quotidiana, alla Confessione settimanale e alla spiega Domenicale del S. Vangelo e del Catechismo, si procura di farle attendere a otto giorni di Esercisi Spirituali Annuali, al Ritiro Mensile con una apposita Conferenza; all'Ora Santa in tutti I Giovedi del mese, nonche' a molte altre funzione religiose non escluse quelle della Settimana Santa. Nel decorso di queste ultimi dieci anni ne abbiamo preparate per la Santa Confermazione 52 bambine e per la Prima Comunione 48 bambine ...*

*Dopo tante suppliche a Gesù in Sacramento, a Nostra Signora del Santissimo Rosario, San Giuseppe, a San Francesco nostro Padre ecc, ecc e tante fatiche del Prof Mgr Carmelo Bonnici DD, zelante Direttore e Procuratore dello Istituto, nell' giorno di Marzo un ufficiale Inglese consegno' le Chiavi dell' Istituto di Fra Diego al Padre Direttore presente la Madre Superiora Locale. L'indomani 1 Aprile* (1945) *s'incominciò il trasferimento di Suore e di Recoverate un pò per volta e nel sei del mese di Maggio tutta quanta la Famiglia Diegana si recompose al Ħamrun.*

Patri Charles Wickman jiftakar li fil-knisja ta' Ġieżu dawn kienu kull filgħodu jisimgħu l-Quddies u jiftakar li tant kellhom tfajliet magħhom li kienu jimlew l-ewwel postijiet. Għall-ħtiġijiet spiritwali tagħhom kienu jinqdew bil-patrijiet tal-kunvent. Dawn kienu l-aħħar sorijiet trasferiti li telqu minn Għawdex wara li ntemmet il-gwerra. Xi sorijiet oħra Franġiskani minn postijiet oħra f'Malta kienu wkoll ġew trasferiti f'Għawdex u għal żmien tqiegħdu fid-dar tal-villeġġjatura li s-Sorijiet Franġiskani tal-Karità għandhom il-Qbajjar ta' Għawdex.

***Charles Bezzina***

